# 130. Dorina

Ġibu s-susan u ġibu l-fjuri bojod
ħa niksu u ngħattu bih il-qabar tagħha;
tgħidux l'hi suwiċida, l'hi midinbha,
anzi mid-diżunur kulħadd jerfagħha!

L-għarus telaqha; kieku riedet setgħet
issib għal wieħed tnejn, - kienet gustuża, -
jekk mhux bis-serjetà, setgħet issibhom
billi tilgħabha magħhom ta' xantuża.

Iżda hija ħabbet lilu u 'l ħadd iżjed
ma riedet tħobb, b'imħabba kbira u pura;
u tant emmnet fl-imħabba li qatt m'emmnet
li wieħed jidħol fiha u jerġa' lura.

U mietet t'eroina għall-imħabba,
biex turi kif trid tkun l-imħabba kbira;
meta d-dinja sostniet li m'hemmx imħabba,
telqet minnha b'disprezz u bi tmaqdira.

Ġibu s-susan u ġibu l-ward bajdani;
kulħadd jitfagħalha l-fjur u jiskot ġwejjed;
kif Kristu qal lill-Maddalena ngħidu:
Int ġralek hekk għaliex ħabbejt iżżejjed.

*Imnebbaħa mis-suwiċidju ta' Sibyl Vane fir-rumanz "A Picture of Dorian Gray" ta' Oscar Wilde.*